38, Triq l-Ordinanza, Valletta VLT 1021
Email: social.security@gov.mt
Websajt: www.socialsecurity.gov.mt
Freephone 153

## Krediti ta’ Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali

Il-Krediti ta’ Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali jingħataw biss f’każ ta’:

- Persuna li tagħmel xogħol volontarju f'pajjiż barrani tista’ tingħata Krediti ta’ Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali sa massimu ta’ 5 snin (260 kontribuzzjonijiet) f’perjodu ta' 10 snin. Din l-għotja hija fid-diskrezzjoni ta’ bord speċjali u l-applikant għandu jissottometti t-talba lid-Direttur tas-Sigurtà Soċjali u jipprovdi prova ta’ dan ix-xogħol volontarju.

- Persuna li hija taħt l-età ta’ 25 sena u qed tagħmel xogħol volontarju f’Malta jew barra mill-pajjiż u terġa’ tibda taħdem wara li ttemm ix-xogħol volontarju, hija ntitolata wkoll għal krediti sa massimu ta’ 5 snin f’perjodu ta' 10 snin

- Persuna qiegħda li tirċievi Benefiċċju għall-Diżimpjieg; Benefiċċju Speċjali għall-Diżimpjieg jew Assistenza għall-Diżimpjieg

- Persuna li tirċievi Benefiċċju tal-Mard jew ikollha talba kontinwa miftuħa għal Benefiċċju tal-Mard wara eżawriment ta’ ħlas

- Ġenituri li jinsabu neqsin mid-dinja tax-xogħol għaliex uliekhom qed jieħdu kura għal mard rari jingħataw Krediti ta’ Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali sa massimu ta’ 8 snin

- Persuna li taħdem għal rasha li tirċievi l-Benefiċċju tal-Mard (l-istess bħal Benefiċċju tal-Mard hawn fuq imsemmi)

- Persuna li tirċievi Benefiċċju għall-Korriment (tapplika biss fil-każ ta’ persuna li taħdem għal rasha)

- Persuna li tirċievi Allowance għall-Carers/Allowance Miżjud għall-Carers li rriżenjat mill-impjieg jew tkun fuq leave bla ħlas. Il-krediti tas-Sigurtà Soċjali jingħataw biss jekk il-persuna tgħaddi mit-Test tal-Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali (valida għal skopijiet ta’ pensjoni kontributorja biss)

- Persuna li mhijiex intitolata għal Allowance għall-Carers / Allowance Miżjud għall-Carers minħabba li ma tgħaddix mit-test tal-Mezzi Kapitali. Ir-Riżorsi Kapitali għal koppja m'għandhomx jaqbżu €23,300 u €14,000 għal persuna waħda

- Meta talba għall-Krediti ta’ Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali taqbeż it-Test tal-Mezzi Kapitali iżda ġie aċċettat mill-bord mediku, il-persuna li tagħmel it-talba tkun intitolata għall-krediti jekk tgħaddi mit-Test tal-Kontribuzzjoni tas-Sigurtà Soċjali (validu għal skopijiet ta’ pensjoni kontributorja biss)

- Ex-Pulizija; ex-uffiċjali tal-Armata, ex-uffiċjali tal-Korrettivi Faċilitajiet jew ex-uffiċjali tal-Protezzjoni Ċivili li jkunu temmew 25 sena servizz u jirċievu Pensjoni tat-Teżor sħiħa huma eliġibbli għal krediti meta ma jkunux f'okkupazzjoni bi qligħ

- Persuna li tibgħat il-prova tal-kontribuzzjonijiet imħallsa fil-Libja se tkun ikkreditata għall-istess ammont ta' kontribuzzjonijiet

- Persuna li hija rreġistrata taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318.) għall-ewwel darba tingħata krediti ta' qabel id-dħul sa massimu ta' 104 ġimgħat ta' kontribuzzjonijiet, skont id-data tal-ewwel dħul

- Student li qiegħed isegwi kors ta' studju jew istruzzjoni full-time huwa eliġibbli għal Krediti tas-Sigurtà Soċjali skont il-livell tal-kors u d-data tat-twelid kif ġej:

| | **Imwieled bejn 1952 – 1961** | **Imwieled fl-1962 jew wara** |
|---|---|---|
| **Livell ta' MQF** | **Krediti ta' Kontribuzzjoni** | **Krediti ta' Kontribuzzjoni** |
| *Lifelong Learning* | 5 kontribuzzjonijiet kull sena ta' studju | 5 kontribuzzjonijiet kull sena ta' studju |
| Livell 5 | 9 kontribuzzjonijiet kull sena ta' studju | 13 kontribuzzjonijiet kull sena ta' studju |
| Livell 6 | 13 kontribuzzjonijiet kull sena ta' studju | 26 kontribuzzjonijiet kull sena ta' studju |
| Livell 7 | 13 kontribuzzjonijiet kull sena ta' studju | 26 kontribuzzjonijiet kull sena ta' studju |
| Livell 8 | 26 kontribuzzjonijiet kull sena ta' studju | 52 kontribuzzjonijiet kull sena ta' studju |

- B'effett mill-1 ta' Jannar 2016, persuna li twieldet bejn l-1 ta' Jannar 1952 u l-1961 li tilħaq l-età tal-Pensjoni tas-Sigurtà Soċjali jew li l-pensjoni kontributorja tagħha hija evalwata mill-ġdid, tista' tingħata sa sentejn ta' Krediti ta' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali għal kull wieħed mill-ewwel 3 itfal anke jekk l-ġenitur ma jerġax lura għax-xogħol wara t-twelid tal-wild/tfal. Tista' tingħata wkoll sena oħra ta' Krediti ta' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali għal kull wild imwieled wara t-3 wild sakemm l-ġenitur jerġa lura għax-xogħol għal numru minimu ta' snin ekwivalenti għall-istess numru ta' snin kif mogħtija mir-4 wild 'il quddiem

Eżempju:

- Familja bi 3 itfal (jew anqas) tista' tingħata Krediti tas-Sigurtà Soċjali (sa massimu ta' 6 snin b'kollox), anke jekk l-ġenitur ma jkunx impjegat/jaħdem għal rasu wara t-twelid
- Familja b'4 itfal (jew aktar) jingħataw Krediti tas-Sigurtà Soċjali (sa massimu ta' 6 snin b'kollox) għall-ewwel 3 itfal iżda l-ebda krediti mir-4 wild 'il fuq jekk l-ġenitur ma jkunx impjegat/jaħdem għal rasu wara t-twelid
- Familji b'4 itfal (jew aktar) jingħataw krediti tas-Sigurtà Soċjal (sa massimu ta' 6 snin b'kollox) għall-ewwel 3 itfal u sa sena għal kull wild mir-4 wild 'il fuq jekk l-ġenitur jerġa' jirritorna għall-impjieg/okkupazzjoni wara t-twelid sa għall-anqas l-istess numru ta' snin kif mogħtija mir-4 wild 'il quddiem

Fil-każ ta' familja li għandha tfal b'diżabilità, il-Krediti ta' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali huma rdoppjati fix-xenarji msemmija hawn fuq

- B'effett mill-1 ta' Jannar 2016, persuna mwielda fl-1 ta' Jannar 1962 jew wara li tilħaq l-età tal-pensjoni jew li jkollha il-pensjoni evalwata mill-ġdid tingħata 4 snin krediti għall-ewwel 3 itfal anke jekk l-ġenitur ma terġax lura għall-impjieg wara t-twelid tal-wild/tfal. Sentejn oħra ta' Krediti ta' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali jingħataw għal kull wild imwieled wara t-3 wieħed sakemm l-ġenitur jirritorna għall-impjieg għal numru minimu ta' snin ekwivalenti għall-istess numru ta' snin kif jista' jkun dovut mir-4 wild 'il quddiem

Eżempju:

- Familja bi 3 itfal (jew anqas) tingħata Krediti tas-Sigurtà Soċjali (sa massimu ta' 12–il sena b'kollox), anke jekk ġenitur ma jkunx impjegat/jaħdem għal rasu wara t-twelid
- Familja b'4 itfal (jew aktar) tingħata Krediti tas-Sigurtà Soċjali (sa massimu ta' 12–il sena b'kollox) għall-ewwel 3 itfal iżda l-ebda krediti mir-4 wild 'il fuq jekk l-ġenitur ma jkunx impjegat / jaħdem għal rasu wara t-twelid
- Familja b'4 itfal (jew aktar) tingħata krediti (sa massimu ta' 12–il sena b'kollox) għall-ewwel 3 itfal u sa sentejn għal kull wild mir-4 wild 'il fuq jekk l-ġenitur jirritorna għall-impjieg (impjegat/persuna jaħdem għal rasu) wara t-twelid tar-4 wild sa għall-inqas l-istess numru ta' snin kif mogħtija mir-4 wild 'il quddiem

Fil-każ ta' familja li għandha tfal b'diżabilità, il-Krediti ta' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali huma rdoppjati fix-xenarji msemmija hawn fuq.

**JEKK JOGĦĠBOK INNOTA LI L-ISTESS LI HAWN FUQ JAPPLIKA GĦAL FOSTER CARE (FUQ MERTI TAL-KAŻ) U KAŻIJIET TA' ADOZZJONI**

- Min iħaddem persuna b'diżabilità għal 3 snin jew aktar, jingħata lura s-sehem tiegħu tal-ewwel 3 snin ta' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni.

- Persuna anzjana jew persuna b'diżabilità li timpjega carer tista' tapplika għal eżenzjoni għas-sehem tagħha ta' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali. L-impjegat xorta irid iħallas is-sehem tiegħu ta' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali.

**<u>Eżenzjoni ta' Eliġibbiltà ta' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali</u>**

- Persuna impjegata li taħdem anqas minn 8 sigħat fil-ġimgħa iżda taqla' aktar minn €17.50 fil-ġimgħa (li teċċedi €910 fis-sena) mal-istess persuna li timpjega, hija obbligata tħallas Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali tal-Klassi II (rata ta' min jaħdem għar-rasu) fid-dawl li l-impjieg taħt it-8 sigħat mhuwiex ikkunsidrat bħala impjieg assigurabbli u min iħaddem mhux obbligat iħallas is-sehem tiegħu ta' kontribuzzjonijiet

- Persuna waħedha li mhijiex taħdem bi qligħ u li d-dħul tagħha huwa minn riżorsi oħra, eż. Interessi u li d-dħul annwali tagħha ma jaqbiżx €1,005

- Persuna li qed tospita studenti fuq bażi part-time għandha l-għażla li ma tħallasx il-Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali

Importanti, wieħed irid dejjem jitlob eżenzjoni mill-ħlas ta' Kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali ħlief għal dawk il-persuni li qegħdin jospitaw studenti.